

# PAWLU TA' TARSU (1)

Fl-okkażjoni tat-tieni millennju tat-twelid ta' l-Appostlu tal-ġnus San Pawl, il-Papa Benedittu XVI ħabbar iċ-ċelebrazzjoni ta' sena pawlina mit-28 ta' Ġunju 2008 sad-29 ta' Ġunju 2009. Bħala kontribut xjentifiku għal matul din is-sena ħsibna li niġbru fil-qosor il-kontenuti ta' volum ippubblikat minn P. Alfio Marcello Buscemi OFM, professur fil-Fakultà ta' Teoloġija Biblika u Arkeoloġija fli "Studium Biblicum Franciscanum" ta' Ġerusalemm: San Paolo. Vita, Opera, Messaggio, Franciscan Printing Press, Jerusalem 1997.

## Introduzzjoni

Pawlu ta' Tarsu hu ċertament l-aktar figura magħrufa tal-kristjaneżimu tal-bidu. L-ebda personaġġ ieħor importanti fit-T.Ġ., inklużi l-appostli famużi Pietru, Ġwanni, u Ġakbu, ma huma magħrufin minn dokumentazzjoni hekk kotrana kif inhi dik riservata għal Pawlu. Saħansitra lanqas il-figura ta' Ġesù ma hi daqshekk dokumentata meta nqabbluha ma' dik ta' l-Appostlu. L-għarfien tagħna ta' "Ġesù storiku" fih ħafna punti dubjużi, għaliex l-Evanġelji huma kemm dokumenti storiċi kif ukoll xhieda tal-fidi tal-komunità tal-bidu. Ġesù ma ħalla l-ebda dokument miktub. Pawlu ħallielna ġabra grandjuża ta' ittri, il-"Corpus Paolinum".

L-informazzjoni storika dwar Pawlu niġbruha l-aktar mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli u mill-Ittri tiegħu. Imma ta' min jgħid li dawn id-dokumenti ma għandhomx l-intenzjoni li jagħtuna "biografija" sħiħa ta' Pawlu.

Il-problema tal-Fonti letterarji: Atti ta' l-Appostli Aktar minn nofs il-Ktieb ta' l-Atti jitkellem dwar Pawlu (Atti 7,58b; 8-14; 9,1-30; 13-28). Dawn huma l-aktar fonti sistematika u estiża biex inkunu nafu min hu dan l-Appostlu.

L-awtur ta' l-Atti hu Luqa, "it-tabib għażiż" ta' Kol 4,14, sieħeb Pawlu (Kol 4,14; 2Tim 4,11; Fm 24) u awtur ukoll tat-tielet Evanġelju. L-aktar prova ċara ta' dan huma s-siltiet ta' l-Atti li jitkellmu bl-ewwel persuna plural ("aħna"). Għalkemm mhux l-istudjużi kollha jaqblu ma' din l-ipotesi, u hemm min issuġġerixxa ismijiet oħrajn, it-tradizzjoni ekkleżjali dejjem qieset li l-awtur ta' l-Atti hu Luqa, is-sieħeb fidil ta' Pawlu (cfr. Kol 4,14; 2Tim 4,11; Fm 24; Atti 16,10-17; 20,5-21,18; 27,1-28,16), bniedem ta' kultura, li kellu għarfien profond tal-letteratura u ta' l-istorjografija griega, u li kien kapaċi li jagħmel riċerkia storika attenta u jiktibha b'ċerta ħila letterarja. Fil-fatt, fl-Evanġelju u fl-Atti, Luqa rnexxielu joffrielna sintesi mill-aħjar dwar l-oriġini u l-iżvilupp tal-kristjaneżimu tal-bidu.

Rigward id-data ta' komposizzjoni nistgħu naċċettaw li l-Atti nkitbu madwar is-sena 80 w.K., jiġifieri wara l-komposizzjoni tat-tielet Evanġelju. L-Atti mela nkitbu xi 30 sena wara l-"ittri awtentiċi" ta' Pawlu. Luqa, li kien ġej minn ambjent pagan konvertit, jikteb għal komunità li kienet kollha kemm hi frott ta' l-evanġelizazzjoni tal-pagani, li tagħha Pawlu kien figura essenzjali, għaliex kien "missjunarju" tal-"popli pagani".

L-Atti la huma bijografija ta' Pawlu u lanqas ma nkitbu skond il-kriterji ta' l-istorjografija posittivista moderna, li fiha l-istoriku jrid jgħid biss kif seħħew effettivament il-ġrajjiet. Eżempju ta' din il-libertà ta' l-istoriku li kien Luqa narawh fil-fatt li hu jirrakkonta l-ġrajja tal-konverżjoni ta' l-Appostlu tliet darbiet (Atti 9,1-22; 22,3-16; 26,1-23).

Il-Ktieb ta' l-Atti hu fonti storika tajba ħafna biex nibnu l-fatti tal-ħajja ta' Pawlu. Mhux biss, imma l-Atti rridu nqisuhom bħala l-fonti prinċipali tal-ħajja, l-attività apostolika u l-messaġġ ta' Pawlu.

Il-problema tal-Fonti letterarji: l-Ittri ta' San Pawl Jekk neskludu l-Ittra lil-Lhud, it-tradizzjoni tatribwixxi lil Pawlu 13-il ittri, li jiffurmaw nofs il-kitbiet tat-T.Ġ., u li ġustament inqisuhom bħala l-fonti ewlenija u determinanti mhux biss biex nibnu l-messaġġ u t-teoloġija ta' Pawlu, imma wkoll l-istorja tal-ħajja tiegħu.

Mingħajr dubju l-Ittri mhumiex awtobijografija ta' Pawlu, għaliex huma kitbiet okkażjonali. Fihom xi elementi awtobijografiċi (cfr. Gal 1,11-2,21), imma dawn huma redatti biss b'funzjoni apoloġetika.

L-akbar problema dwar l-Ittri Pawlini hi dik ta' l-awtentiċità u tal-kronoloġija tagħhom.

Hemm nukleu ta' 7 Ittri li dejjem kienu jitqiesu awtentiċi: 1Tessalonkin,

1Korintin, Galatin, Filippin, 2Korintin, Rumani, Filemon. L-awtentiċità ta' Kolossin, 2Tessalonkin u Efesin ġie li tqiegħdet fid-dubju, imma mingħajr agrumenti deċisivi. Il-ġudizzju dwar l-"Ittri Pastorali" hu aktar kritiku, hekk li studjużi protestanti jqisuhom unikament bħala mhux ta' Pawlu, filwaqt li kritiċi kattoliċi jqisuhom bħala awtentiċi u frott ta' l-aħħar snin tal-ħidma ta' l-Appostlu. Hu evidenti li s-7 Ittri meqjusin bħala deċiżament awtentiċi jibqgħu l-bażi soda li fuqha rridu nibnu l-ħajja u l-ħsieb ta' Pawlu, kemm għaliex huma dokumenti storiċi ta' antikità eċċezzjonali, kif ukoll għaliex iqegħduna f'kuntatt dirett ma' l-Appostlu u l-messaġġ tiegħu, kif ukoll mal-problemi tal-kristjaneżimu tal-bidu.
Rigward il-kronoloġija ta' l-Ittri x'aktarx li l-ordni jrid ikun dan li ġej: 1-2Tessalonkin (snin 50-51 - Korintu), 1Korintin (53-55 - Efesu), Galatin (54-56 - Efesu), Filippin (55 - Efesu), 2Korintin (56-57 - Maċedonja), Rumani (58 - Korintu), Filemon (61-63 - Ruma), Kolossin (62-63 - Ruma), Efesin (60-63 - Ruma), Ittri Pastorali (1-2 Timotju, Titu – 64-67 - Ruma). Ma nafux meta ġew miġburin flimkien f'kollezzjoni unika kif insibuhom fit-T.Ġ. Nafu li l-Knejjes sa minn kmieni għamlu użu minnhom u kienu jibgħatuhom lil xulxin.



## Fonti oħrajn

Barra mill-Ittri Pawlini u l-Atti, fit-T.Ġ. insibu silta waħda li tikkwota l-"Corpus Paolinum" f'2Pt 3,15-16: "Hekk ukoll kitbilkom Pawlu, ħuna l-għażiż, skond l-għerf li ngħata lilu. Hekk kiteb fl-ittri kollha tiegħu, li fihom tkellem fuq din il-ħaġa. Dawn l-ittri fihom ħwejjeġ tqal biex wieħed jifhimhom, u dawk li ma jifhmux u li m'humiex sħaħ biżżejjed ifissruhom ħażin għat-telfien tagħhom stess; hekk jagħmlu wkoll mill-kotba l-oħra ta' l-Iskrittura". Issa jekk naċċettaw li 2Pietru inkitbet madwar is-sena 90 w.K. insibu fiha l-ewwel xhieda ta' l-eżistenza tal-"Corpus Paolinum" u l-ewwel informazzjoni tal-kanoniċità ta' l-Ittri ta' Pawlu fl-użu li kienet tagħmel minnhom il-Knisja tal-bidu.

Barra mit-T.Ġ. għandna x-xhieda ta' Klement ta' Ruma (†101) li jikteb li Pawlu kiteb lill-Korintin dwar l-għaqda tal-Knisja, li sofra l-ktajjen għal seba' darbiet u li mar jagħti x-xhieda tiegħu "sat-trufijiet tal-punent" (Spanja?) quddiem l-awtoritajiet. Polikarpu ta' Smirne, li miet martri fis-sena 156, fl-ittra li kiteb lill-Filippin, jgħid li Pawlu kien kitbilhom "ittri". Dan ifisser li l-Ittri ta' l-Appostlu kienu magħrufin fil-komuntajiet li hu kien evanġelizza.

Minn Tarsu sa Damasku

"Jiena Lhudi; twelidt f'Tarsu taċ-Ċiliċja" (Atti 22,3), "ċittadin ta' belt magħrufa" (Atti 21,39). B'dawn il-kliem Pawlu jippreżenta ruħu quddiem it-tribun, meta ġie akkużat li kien qajjem rewwixta, u quddiem il-Lhud li riedu joqtluh fit-Tempju ta' Ġerusalemm. Il-biljett ta' presentazzjoni tiegħu hu: PAWLU, Lhudi minn Tarsu.

Ma nafux eżattament id-data tat-twelid ta' l-Appostlu. Nistgħu biss nagħmlu xi ipotesti bbażata fuq Fm 9 u Atti 7,58. Filemon 9 (miktuba bejn is-snin 54-61) iġġib dawn il-kliem ta' Pawlu: "jiena, Pawlu, raġel xwejjaħ, u issa priġunier ta' Kristu Ġesù". Issa skond Ippocrate, l-anzjanità kienet tikkorrispondi għall-perjodu ta' bejn 49 u 56 sena fil-ħajja tal-bniedem. B'hekk id-data tat-twelid ta' Pawlu, fuq dak li tgħid Filemon, irridu npoġġuha bejn is-snin 5-10 w.K. Din l-informazzjoni tidher li hi kkonfermata minn Atti 7,58, fejn Pawlu jissejjaħ "żagħżugħ", waqt il-martirju ta' Stiefnu, jiġifieri persuna li kellha bejn il-21 u 28 sena. Issa l-martirju ta' Stiefnu hu ddatat fis-snin 32-36, u għalhekk naslu wkoll għas-snin 5-10 w.K. rigward it-twelid ta' Pawlu.

L-Appostlu jgħid li kien "minn Tarsu", u li twieled "Tarsu taċ-Ċiliċja". Issa skond San Ġilormu, "De viris illustribus" (PL 26,653) Pawlu twieled f'Giscala tal-Lhudija. Jidher ċar li dak li jgħidu Atti 22,3 hu aktar ċert, jiġifieri li Pawlu twieled f'Tarsu taċ-Ċiliċja, għalkemm jista' jkun li l-familja tiegħu kienet ta' oriġini Giscala. Ma nafux għaliex il-ġenituri ta' Pawlu emigraw f'Tarsu; forsi għaliex fis-sena 4 q.K. ir-Rumani kienu qerdu parti kbira mill-Galilija u ħadu



l-popolazzjoni f'postijiet oħrajn, jew inkella għal raġunijiet ekonomiċi.

L-orġini Lhudija ta' Pawlu hi afferamata f'Fil 3,5: "twelidt fil-poplu ta' Israel, mit-tribù ta' Benjamin, Lhudi mil-Lhud". Wara tmint ijiem, skond it-tradizzjoni Lhudija, t-tifel irċieva ċ-ċirkonċiżjoni (Atti 23,6; 26,5) u ngħata l-isem ta' Sawlu ("mitlub minn Alla"). Kif kienet id-drawwa tal-Lhud fid-Djaspora, it-tifel ingħatalu wkoll l-isem bil-verżjoni Latina, jiġifieri Pawlu, kif l-Appostlu soltu jsejjaħ lilu nnifsu fl-Ittri tiegħu. L-Atti ta' l-Appostli jagħtuna ż-żewġ ismijiet ta' l-Appostlu. Sa Atti 13,9 l-Appostlu jissejjaħ esklussivament bl-isem ta' Sawlu. Imma hawnhekk Luqa jintroduċi l-isem l-ieħor: "Sawl, li jismu wkoll Pawlu", u minn hawn 'il quddiem dejjem isejjaħlu b'dan it-tieni isem. X'aktarx li Luqa jirreferi għall-ewwel isem biex juri li Sawl kien Lhudi perfett, imma meta mbagħad jurih bħala "missjunarju tal-pagani" jibda jippreżentah bl-isem Latin u Grieg tiegħu, "Pawlu". Imbagħad irridu ngħidu li l-ebda ċittadin Ruman, kif kien Pawlu, ma seta' juża isem li ma kienx Latin jew Grieg.

L-ambjent ta' Tarsu

L-ambjent tat-tfulija ta' Pawlu kien dak ta' Tarsu fil-bidu ta' l-1 seklu w.K. L-Appostlu jgħid li Tarsu kienet "belt magħrufa" (Atti 29,31). Sa minn żmien l-Ħittiti kienet il-kapitali taċ-Ċiliċja, ir-reġjun tax-xlokk tal-peninsula Anatolika (Turkija moderna) fl-Asja Minuri, li hu kkaratterizzat mill-muntanji tat-Taurus u Antitaurus fuq il-fruntieri mas-Sirja, u mill-Baħar Mediterran fuq il-kosta li tħares lejn il-gżira ta' Ċipru. Ir-reġjun kien maqsum fil-parti tal-pjanura, fejn kienet tinsab Tarsu, u f'dik muntanjuża. Il-komunikazzjoni mal-kumplament ta' l-Asja Minuri kienet biss issir permezz ta' fetħa fil-muntanji, li hi magħrufa bl-isem ta' "Porte Cilicie", bejn it-Taurus u l-Antitaurus, filwaqt li mas-Sirja l-komunikazzjoni kienet issir permezz tal-"Porte Siriache" u l-"Porte Amaniche". Fi żmien Pawlu din kienet provinċja Rumana unika bl-isem ta' Syria-Cilicia (cfr. Gal 1,21). Tarsu kienet għaddiet f'idejn ir-Rumani fis-sena 47 q.K. u ħadet l-isem ta' Juliopolis, ad unur ta' Giulio Cesare.

Tarsu kienet belt kummerċjali, li fiha kien joqogħdu nies minn diversi nħawi, fosthom iċ-Ċiliċja, Likaonja, Kappadoċja, Asja Minuri, Sirja, Mesopotamja, Greċja u wkoll Ruma. B'hekk Tarsu kienet tassew belt kosmopolita ta' kultura ellenistika. Bħala ċentru ta' kultura kienet tħabbatha ma' bliet famużi għall-filosofija, bħalma kienu Ateni u Lixandra. Il-presenza ta' popolazzjoni kosmopolita għamlet minn Tarsu belt fejn kien hemm sinkretiżmu reliġjuż qawwi, bil-presenza ta' diversi kulti assiri, persjani u griegi.

F'din il-klima ta' libertà ċertament il-komunità Lhudija f'Tarsu kienet tispikka minħabba l-monoteiżmu tagħha. Il-Lhud ta' Tarsu



kienu x'aktarx numerużi, imma kienu ta' kultura ellenizzata, kif kienu l-Lhud kollha tad-Djaspora. Kienu jafu tajjeb il-lingwa Griega. Pawlu nnifsu jgħid lir-Rumani: "Jiena nħoss ruħi obbligat lejn il-Griegi u l-Barbari, għorrief u mhumiex" (Rum 1,14). Imma lill-Filippin jgħidilhom: "Jekk hemm xi ħadd li għandu għax iqiegħed it-tama tiegħu fil-ġisem, jien għandi aktar minnu: ta' tmint ijiem għamluli ċ-ċirkonċiżjoni, twelidt fil-poplu ta' Israel, mit-tribù ta' Benjamin, Lhudi mil-Lhud, Fariżew fl-osservanza tal-Liġi" (Fil 3,4-5).
Il-formazzjoni kulturali ta' Pawlu x'aktarx li seħħet kif kienet tgħid il-"Mishna": "fl-età ta' 5 snin il-qari tal-Bibbja; fl-età ta' 10 snin il-Mishna; fl-età ta' 13-il sena l-ħarsien tal-kmandamenti; fl-età ta' 15-il sena it-Talmud". Pawlu x'aktarx li kien jaqra l-Bibbja fil-verżjoni Griega tas-LXX (Septuaginta), li kienet il-verżjoni li kienet tintuża fid-Djaspora. Pawlu kien jaf ukoll tajjeb il-lingwa Griega, kif jidher mill-Ittri tiegħu. Imma biex jaqra l-Bibbja kellu jitgħallem ukoll l-Aramajk u l-Lhudi, għax inkella ma setax ikompli l-istudji rabbiniċi kif għamel aktar tard. Skond it-tradizzjoni Lhudija "kull missier hu obbligat jgħallem sengħa lil ibnu; min ma jgħallimx sengħa lil ibnu jgħallmu jsir ħalliel" (Tosephta Qiddushim 1,11). Is-sengħa li tgħallem Pawlu kienet dik ta' "skenopoiós", jew wieħed li "jagħmel it-tined" (Atti 18,3). L-Appostlu nnifsu jagħti xhieda tal-fatt li kien jaħdem b'idejh f'1Tess 2,9: "Sakemm konna qegħdin inxandrulkom l-Evanġelju ta' Alla, aħna ħdimna bil-lejl u bi nhar, biex lil ħadd minnkom ma ngħabbu".




## F'riġlejn Gamaljel

L-esperjenza li mmarkat il-ħajja ta' Pawlu f'żgħożitu kienet dik akkademika "f'riġlejn Gamaljel" (Atti 22,3). Dan kien il-famuż Rabban Gamaljel l-anzjan, li dwaru jitkellmu wkoll Atti 5,34-39 bħala bniedem moderat. Kien jew iben jew neputi ta' Hillel, u l-ħidma tiegħu rabbinika wettaqha bejn is-snin 20-50 w.K. Kellu t-titlu ta' Rabban, jew Mgħallem kbir. Fl-iskola moderata ta' Hillel, Gamaljel kien "mgħallem fil-Liġi u miġjub mill-poplu kollu" (Atti 5,34). Ta' 15-il sena, mela, Pawlu kien jinsab Ġerusalemm fl-iskola ta' dan ir-rabbi famuż, għalkemm ma għandna l-ebda riferiment espliċitu għal Gamaljel f'Gal 1,14 u Fil 3,5-9 fejn l-Appostlu jiddefendi ruħu kontra l-avversarji tiegħu. Pawlu tgħallem il-Liġi, jew Torah, li l-Lhud kienu jqisuha bħala l-akbar don li Alla ta lill-poplu tiegħu.
Ir-rabbini kienu jistudjaw il-Liġi li Alla ta lil Mosè fuq is-Sinaj, skond il-forma miktuba u orali tagħha. Il-Liġi miktuba kienet tikkonsisti f'613 preċetti, filwaqt li dik orali kellha bosta oħrajn. Pawlu temm l-istudju tal-Liġi meta kellu 19-20 sena, u hekk

ninsabu fis-snin 24-30 w.K. Minn dan il-mument sal-martirju ta' Stiefnu ma nafu xejn dwar Pawlu jew fejn kien. Ma nafux jekk baqax Ġerusalemm inkella marx Tarsu, jekk kienx ċelibi, u jekk qatt ra lil Ġesù. Suppost li, skond l-usanza Lhudija, ta' 18-20 sena Pawlu kellu jiżżewweġ. Imma t-tradizzjoni kostanti tas-Santi Padri (ħlief Klement ta' Lixandra) tqis li Pawlu qatt ma żżewweġ, fuq dak li hu stess jgħid f'1Kor 7,8: "Lil dawk li m'humiex miżżewġa jew huma romol, ngħidilhom li jkun tajjeb għalihom li jibqgħu bħali". X'aktarx li Pawlu kien ħalla Ġerusalemm qabel ma Ġesù beda l-ministeru pubbliku tiegħu.

## Pawlu l-Fariżew u persekutur ta' l-Insara

Ma hemm l-ebda dubju li Pawlu kien Fariżew. Luqa jafferma dan il-ħin kollu fl-Atti, u saħansitra juri lil Pawlu nnifsu li jafferma li hu kien Fariżew: "Ħuti, jiena Fariżew u bin il-Fariżej" (Atti 23,6). Lill-prokuratur Festu u lir-re Agrippa jgħidilhom: "jien għext ta' Fariżew, skond is-setta l-aktar iebsa tar-reliġjon tagħna" (Atti 26,5). L-istess isostni f'Fil 3,5-6.
Għalkemm l-Evanġelji jagħtuna ġudizzji pjuttost negattivi dwar l-ipokrisija tal-Fariżej, nafu li Ġesù kellu kuntatti ta' ħbiberija sinċiera ma' Fariżej, bħalma kienu Nikodemu u Ġużeppi t'Arimatija. L-Atti jitkellmu mill-moderazzjoni ta' Gamaljel. Pawlu kien Fariżew fis-sens awtentiku tal-kelma. F'Gal 1,13-14 jikteb: "Intom smajtu bl-imġiba tiegħi meta kont għadni fir-reliġjon Lhudija, kif kont nippersegwita bis-sħiħ il-Knisja ta' Alla u nfittex li nħarbatha; u kemm kont 'il quddiem fir-reliġjon Lhudija fost il-poplu tiegħi aktar minn sħabi kollha ta' mpari, mġennen kif kont għat-tradizzjonijiet ta' missirijieti" (cfr. Atti 24,14-15).
Kien proprju dan iż-żelu lejn il-Liġi li għamel minn Pawlu wkoll persekutur tal-Knisja. F'1Tim 1,12-13 Pawlu jikteb: "Niżżi ħajr lil Kristu Ġesù Sidna, li tani l-qawwa għal dan ix-xogħol u li deherlu li kienet tistħoqqli l-fiduċja tiegħu u għamilni ministru tiegħu, lili qabel kont dagħaj, persekutur u żeblieħi tiegħu". Fil-fatt ma nafux eżattament kif Pawlu kien persekutur tal-Knisja. Atti 7,58 ma jgħidu xejn dwar ir-rwol li kellu Pawlu fil-martirju ta' Stiefnu, ħlief li jgħidu: "Sawl kien fehma waħda magħhom fil-mewt li tawh" (Atti 8,1).
L-uniku riferiment li għandna hu dak ta' Atti 26,9-10: "Jien ukoll deherli li kelli nagħmel minn kollox kontra l-isem ta' Ġesù ta' Nazaret. U hekk għamilt f'Ġerusalemm".
Ħaġa waħda hi ċerta, li fil-ħeġġa tiegħu Pawlu akkwista malajr il-fiduċja tas-Sanhedrin u kiseb mill-Kunsill il-permess li jużа dixxiplina fuq is-"setta" ta' l-Insara. Kien hawn li Pawlu għadda mill-esperjenza fondamentali li biddlitlu ħajtu darba għal dejjem fil-bibien ta' Damasku.

**Alfio Marcello Buscemi OFM**

